

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li tipproroga l-perijodu ta' prova tar-rikorrent u tad-deċiżjoni sussegwenti li jiġi mkeċċi u min-naħa l-oħra, it-talba għal kumpens għad-danni allegatament subiti.

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tal-estensjoni tal-perijodu ta' prova;
- tannulla d-deċiżjoni ta' tkeċċija;
- tikkundanna lill-ESMA sabiex tħallsu, bħala kumpens għad-danni subiti evalwati *ex aequo et bono* ta' EUR 373 414 għad-dannu materjali u ta' EUR 50 000 għad-dannu morali;
- tikkundanna lil ESMA għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-82/13)

(2013/C 325/84)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni li tapplika DĠI ġodda fuq l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jiddikjara li l-Artikolu 9 tad-Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa illegali;
- jannulla d-deċiżjoni ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent abbażi tal-parametri speċifikati fid-

dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;

- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-84/13)

(2013/C 325/85)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li tipproċedi għall-kalkolu tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz abbażi tad-DGE l-ġodda u li tirrigwarda t-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent taħt l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni li tapplika d-DGE l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet tar-rikorrent**

- tiddikjara li l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa illegali u għalhekk, mingħajr effett;
- tannulla d-Deċiżjoni tas-26 ta' Novembru 2012 — u dik tas-27 ta' Ġunju 2013 li tikkonfermaha — li takkredita d-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul fis-servizz tiegħu, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fl-iskema tal-pensjoni tal-instituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.